# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-44 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

44.01 **Talba**

44.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

44.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

44.02.01 Is-D.S.E. nforma li kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsillier Dingli fejn talab li jiġi skużat għal-laqgħa ta' llum minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Dingli għandu jitqies bħala skużat.

44.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 43**

44.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 43 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

44.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.04.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-*Foreman* tal-PWD fejn ġew diskussi l-ħajt li jdawwar il-Ġnien tal-Ġilju, iż-żebgħa bl-aħmar taż-"żaqq" fi Triq Valletta kantuniera ma Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-bankina fi Triq tas-Sejba kif ukoll il-*culvert* li hemm viċin Binja Sptar il-Qadim.

44.04.02 Is-Sindku nfurmat li *Parks Malta* kienu ser jieħdu ħsieb il-Pala tal-Bajtar li hemm fi Sqaq Buħar kif ukoll il-qtugħ tal-ħaxix fit-Triq tas-Sejba u Triq il-Parroċċa.

44.04.03 Is-Sindku nfurmat li s-Sur Marc Vella Bonnici kien ikkonferma li Triq tas-Sejba kienet ser issir minn IM.

44.04.04 Rigward il-funtana fi Ġnien Mikielanġ Sapiano, s-Sindku nfurmat li din flimkien mal-bust kienu nxtegħlu. Hija qalet ukoll li kellu jiżdied l-ilma kif ukoll lli jibda

jintefa l-*chlorine* fuq bażi regolari sabiex l-ilma jibqa' ċar. Hija qalet ukoll li l-ħaddiema tal-FTZ kienu ser jieħdu ħsieb jibżgħu il-bankijiet.

44.04.05 Rigward il-Ħajt tal-Matla, s-Sindku qalet li ma kelliex *updates* mill-aħħar laqgħa l'hawn.

44.04.06 Is-Sindku nfurmat li konna ser inkellmu lill-PWD dwar il-bini tal-*mini-roundabout* f'Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

44.04.07 Is-Sindku nfurmat li hija kienet tkellmet b'mod informali mas-Sindku taż-Żurrieq dwar il-bdil tar-rotta fi Triq Kirkop iżda din ma qablitx. Hija qalet li peress li hemm diversi *issues* bir-rotta kif approvata minn TM, l-aħjar li niktbu uffiċċjalment lill-Kunsill taż-Żurrieq rigward il-proposta tagħna.

44.04.08 Rigward ir-*Reverse Vending Machine* tal-BCRS is-Sindku qalet li wara li l-Mqabba FC indikawlna li ma riedux il-magna fuq propjetà tagħhom, għandna nissuġġerixxu li din issir ħdejn iċ-ċimiterju fejn l-iBins. Dwar dan kien hemm qbil.

44.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet infurmata mir-*Regional Officer* tal-LESA li sat-0800 in-numru ta' *Heavy Vehicles* li jgħaddu mill-Pjazza kien żgħir ħafna. Kien hemm qbil li nitolbu lil LESA sabiex il-ħin jiġi estiż sa 1200 u imbagħad naraw xi jkun ir-riżultat.

44.04.10 Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa tar-Regjun, kienet saret proposta biex kull lokalita' tingħata sa massimu ta' € 2,000 għal organizzazzjoni ta' attivitajiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill juża € 1,000 għat-tiżjin tal-Milied u € 1,000 għal attività' oħra.

44.04.11 Is-Sindku nfurmat li r-reġjun kien għamel MOU mal-*Cleansing Division* sabiex dawn jipprovdu numru ta' *bins on wheels* għal waqt il-festi. Kien hemm qbil li nġibu dawn il-*bins on wheels* għall-festa ta' Santa Marija.

**44.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

44.05.01 Il-Viċi-Sindku nforma li xi residenti kienu qalulu li kien hemm *wire* mikxuf taħt wieħed mill-*hand-dryers* fil-latrina pubblika. Ġie deċiż li nkellmu lill-ħaddiema tagħna sabiex ineħħu l-periklu li jista' jkun hemm.

44.05.02 Il-Kunsillier Decelis staqsa kif bqajna fuq l-*issue* tar-riklamar minn ħanut ġewwa r-raħal wara li s-sid talab laqgħa mal-Kunsill. Ġie deċiż li din il-laqgħa għandha ssir iżda fl-istess ħin għandna niċċekkjaw mal-avukat tal-Kunsill dwar tistax tiġi emendata l-*Bye-Laws* sabiex ma nippermettux riklamar simili.

44.05.03 Il-Kunsillier Decelis ilmenta minn ħasil ta' *concrete mixer* fi Triq San Innoċenzju. Ġie deċiż li meta jkollna rapport ieħor simili, jsir rapport lil-Pulizija.

44.05.04 Il-Kunsillier Decelis informa li kien avviċinah resident sabiex parti minn Ġnien Mikielanġ Sapiano tittieħed sabiex tkun tista' tidhol ambulanza eċċ. b'aktar kumdita'. Il-Kunsill innota li din it-talba ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu.

44.05.05 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar *update* dwar il-*Bus Shelter* fi Triq il-Qrendi u dwar il-bank ħdejn il-Kappella ta' Santa Katerina. Id-DSE informa li dwar il-*Bus Shelter* konna għadna qed nistennew risposta filwaqt li dwar il-bank, qabel inġibu l-*quotations* irridu niċċekkjaw mal-Perit responsabbli mir-restawr tal-kappella, jistax isir l-imsemmi bank.

44.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar *update* dwar l-arblu tad-dawl li hemm bżonn jinbidel fi Triq iċ-Ċavi u s-Sindku rrispondiet li konna ktibna l-Ministeru iżda għadna qed nistennew risposta.

44.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-tabelli mogħttija fi żmien il-festi u ġie deċiż illi sabiex tiżdied is-sigurtà, għandha ssir tabella ħdejn ir-Remissa li tindika li Triq id-Duluri hija *Two-Way*.

44.05.08 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li fil-passat kien hemm tabella fil-bidu ta' Triq id-Duluri li tindika d-direzzjoni lejn is-Siġġiewi li tneħħiet waqt il-proġett tal-Pjazza u ma reġgħetx saret. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li jsiru 2 tabelli : waħda fejn kienet qabel li tindika t-triq għas-Siġġiewi fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u oħra fl-istess triq kantuniera mat-Triq tas-Sejba.

44.05.09 Il-Kunsillier Sciberras informa li dwar it-talba li kien ressaq sabiex isiru 2 mirja fi Triq Valletta, ir-residenta li mar-residenza tagħha kienu ser jeħlu l-mirja oġġezzjonat u għalhekk għalissa ma ser isir xejn.

44.05.10 Il-Kunsillier Sciberras informa li wara laqgħa li kellu mal-kuntrattur tal-Kunsill, dan informah li d-*drop kerb* tal-bankina fi Triq Valletta tista' ssir mingħajr problemi iżda dwar dik fi Sqaq l-Isptar, hemm bżonn li jmur fuq il-posta mal-Perit tal-Kunsill.

44.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

44.06.01 Korrispondenza mingħand l-Onor. Perit Toni Bezzina fejn xtaq jiltaqa' mal-Kunsill. Ġie deċiż li għandna nipproponu li l-laqgħa ssir fit-3 ta' Awwissu fil-5.00pm

44.06.02 Korrispondenza mingħand Maurice Aquilina dwar l-App tal-Kunsill fejn huwa ittamat li din tkun tista' tiġi varata lill-pubbliku f'Settembru.

44.06.03 Korrispondenza mingħand l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u ċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università ta' Malta fejn infurmaw li l-programm "Aqra Miegħi" kien ser jibda jsir mill-ġdid fil-librerija tal-iskola mill-21 ta' Lulju. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

44.06.04 Ċirkulari AKL 2022/066 mingħand l-AKL rigward *Summer Event*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

44.06.05 Ċirkulari 2022/071 mingħand l-AKL dwar *Blue Heart Campaign*. Ġie deċiż li jekk ikun laħaq wasal l-apparat il-ġdid li ordnajna, għanda tinxtgħel il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur blu.

44.06.06 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar il-ħlas tal-liċenzji tal-ħwienet ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

44.06.07 Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-DLG dwar il-Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali. Id-DSE informa li wara deċiżjoni tal-Qorti, kien hemm *issue* dwar il-validità tat-tabelli tan-*No Parking* li jinħargu mal-permessi mill-Kunsilli. Huwa spjega li wara diversi ġimgħat, ġie deċiż li sakemm jinqata l-appell, il-Kunsilli jistgħu jibqgħu joħorġu t-tabelli tan-*No Parking* bħal qabel.

44.06.08 Korrispondenza mingħand id-DLG fejn ġejna mgħarrfa li l-pożizzjoni tad-DSE kienet imġedda sad-19 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

44.06.09 Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2022 mingħand id-DLG dwar Espressjoni ta' Interess – *World Clean Up Campaign*. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

44.06.10 Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 mingħand id-DLG dwar Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipparteċipa u jaħseb dwar xi proposti għal din l-inizjattiva.

44.06.11 Korrispondenza mingħand TM dwar *Traffic Management* aħjar fl-akkwati ta' Misraħ Missjoni.

44.06.12 Korrispondenza mingħand resident dwar inkonvenjent minn *kiosk* tal-qubbajt matul il-festa. Ġie deċiż li għandna nkellmu l-avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk il-Kunsill jistax iċaqlaq il-post fejn dan qed jarma kif ukoll li nagħmluha ċara mal-bejjiegħa kollha tal-qubbajt li ma jistgħux ibiegħu prodotti oħra minbarra l-qubbajt inkella ma jkunux jistgħu jibqgħu jarmaw fil-Pjazza.

44.07 **Jum l-Imqabba 2022 u Attività Kulturali**

44.07.01 Rigward Jum l-Imqabba 2022, ġie deċiż li niċċekkjaw mal-Kappillan sabiex naraw meta ser ikun hemm il-Griżma sabiex Jum l-Imqabba isir Ħadd qabel jew wara. Kien approvat li sa l-aħħar ta'Awwissu joħorġu l-ittri sabiex min irid ikun jista' jibgħat in-nomina tiegħu għal Ġieħ l-Imqabba 2022. Ġie deċiż li għandu jsir kunċert ġewwa s-Sala tal-iskola u din is-sena imiss lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sabiex jagħmlu l-kunċert. Dan il-kunċert ma ser ikun taħt il-patroċinju ta' ħadd. Rigward il-Quddiesa, din idealment tkun tal-10:00 am u jekk le issir tat-08:30

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


am u wara ssir żjara fil-Każini tar-raħal. Is-Sibt lejliet Jum l-Imqabba ser issir attività sportiva li ser jieħdu ħsiebha l-Kunsillieri Decelis u Sciberras filwaqt li matul dik il-ġimgħa għandha ssir żjara fl-iskola u jingħata *token* żgħir lill-istudenti. Is-Sindku se tkun qed tagħmel kuntatt mal-Ministru O. Bonnici sabiex il-Ġimgħa ta' qabel Jum l-Imqabba nippruvaw norganizzaw il-Kunċert tat-3 Tenuri flimkien mal-*Arts Council*.

44.07.02 Rigward Attività Kulturali oħra, s-Sindku qalet li din għandha ssir aktar il-quddiem fil-bidu ta-Rebbiegħa u gie deċiż li din issir f'April għall-apert u tkun tinkludi Lejla Maltija bl-involviment tal-Każini. Hija qalet illi sabiex nattiraw in-nies hemm bżonn li per eżempju nitkellmu ma' Skutu sabiex jagħmlilna ġelat li jkun esklussivament għalina l-Imqabbin.

44.08 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2021***

44.08.01 Peress li kopja tal-*Audited Financial Statements 2021* kienet tqassmet qabel il-laqgħa, dawn ġew meqjusa bħala moqrija u approvati unanimament.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

44.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/44**

44.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/44 ġiet approvata unanimament.

44.09.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Ġunju 2022 ġiet approvata unanimament.

44.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

44.10.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 16 ta' Awwissu fl-4:30 pm

Konfermati illum it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |